VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,954, 27 ta' Frar, 2018
Taqsima B

A.L. 68 tal-2018

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regoli tal-2018 li jemendaw ir-Regoli dwar Impjiegi Kwalifikanti fl-Innovazzjoni u fil-Kreattività (Taxxa Personali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2), u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi flimkien mal-Ministru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar u wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta għamel ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa r-Regoli tal-2018 li jemendaw ir-Regoli dwar Impjiegi Kwalifikanti fl-Innovazzjoni u fil-Kreattività (Taxxa Personali), u dawn għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Impjiegi Kwalifikanti fl-Innovazzjoni u fil-Kreattività (Taxxa Personali), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regol prinċipali". L.S. 123. 141

2. Fir-regola 14 tar-regoli prinċipali minflok il-kliem "il-31 ta' Diċembru 2017" għandhom jidħlu l-kliem "il-31 ta' Diċembru, 2018".